MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru. 106/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
(Spettur Therese Sciberras)
vs
Jason Attard

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jason Attard, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 77368 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn l-4 ta’ Frar, 2005 u l-5 ta’ Frar, 2005 gewwa Filcar Court B, Flat 9, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar, hebb ghal Lesley Ann Marshall u kkagunalha ferita ta’ natura gravi ai termini ta’ l-Artiklu 216 (b) tal-Kapitolu 9 skond kif iccertifikat Dr Miriam Vella M.D. mill-Poliklinika tal-Mosta;

talli gewwa l-isptar San Luqa fil-Pieta ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq

holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar (Art 110 (2) tal-Kap. 9);

Talli fil-5 ta’ Frar 2005, f’dawn il-gzejjer, ma halliex lil Lesley Ann Marshall taghti taghrif u / jew provi mehtiega lill-awtoritajiet kompetenti u / jew quddiem l-istess awtoritajiet (Art 111 (1) tal-Kap. 9);

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat tikkundanna lill-hati ghall-hlas tar-registru tal-Qorti ta’ l-ispejjez kollha jew parti mill-istess spejjez inkorsi bil-hatra ta’ esperti jew periti fil-kors ta’ l-inkjesta magisterjali ordnata abbazi tar-rapport falz maghmul mill-istess imputat ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghs-sigurta ta’ Lesley Ann Marshall ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati u dan wara illi rat l-Artikoli 216 (1) (b), 110, 111, 31, u 17 tal-Kap 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-parte civile iddikjarat illi hafret lill-imputat ta’ dak illi gara, il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u l-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkoppera ferm mieghu matul l-investigazzjoni.  Irrizulta wkoll illi anke l-istess imputat wegga’ f’dan l-incident illi inqala meta hu u l-parte civile kienu fi stat ta’ sokor.  Ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija ta’ tmintax il-xahar sospiza ghal tlett snin mil-lum u ghall-multa ta’ erba’ mitt lira (LM 400).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira ghal tnax il-xahar mil-lum milli jimmolesta aktar lil Lesley Ann Marshall.

Il-Qorti tichad it-talba ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 fuq skorta ta' gurisprudenza kostanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------